MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 376/2009/1

**Julia Coleiro**

**v.**

**Carmel sive Charles Coleiro**

**Il-Qorti:**

Dawn huma proceduri li nibtu fil-kors tal-proceduri ta' separazzjoni li ghad hemm pendenti bejn il-partijiet. Gara, li fil-pendenza ta' dawn il-proceduri ta' separazzjoni, l-attrici allegat li l-konvenut zewgha, li kien ghadu jirrisjedi maghha fl-istess dar matrimonjali, kien qed ikun vjolenti maghha, u l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghal-ewwel ordnat lill-konvenut ma jitlax fis-sular ta' fuq tad-dar

matrimonjali, li thalliet ghall-uzu esklussiv tal-attrici. Din is-soluzzjoni ma jidhirx li solviet il-problema, tant li b'digriet tat-3 ta' Lulju, 2009, dik l-istess Qorti ordnat l-izgumbrament tal-konvenut mid-dar matrimonjali b'effett mill-15 ta' Awwissu, 2009. Il-konvenut ikkontesta din l-ordni, pero`, dik il-Qorti zammet ferm fid-decizjoni taghha. Il-konvenut anke istitwixxa kawza kostituzzjonali li fiha qed jallega li dik l-ordni tal-Qorti li jallonta ruhu mid-dar matrimonjali tikser id-drittijiet fondamentali tieghu; dawn il-proceduri (rikors numru 47/09) ghadhom pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Il-konvenut baqa' ma harigx mid-dar matrimonjali, u l-attrici talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Zgumbrament kontra l-kovenut; dan il-mandat (numru 199/09) hareg fit-28 ta' Awwissu, 2009, izda l-esekuzzjoni tieghu saret biss fid-9 ta' Dicembru, 2009, peress li l-konvenut kien qed jipprova jwaqqa l-effetti ta' dak il-mandat. Fil-11 ta' Dicembru, 2009, il-konvenut ressaq rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fejn talab, fost diversi affarijiet, ir-revoka tal-imsemmi mandat ta' zgumbrament.

Il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) appuntat ir-rikors ghas-smiegh u wara li semghet lill-partijiet tat decizjoni fil-11 ta' Jannar, 2010, li in forza tieghu cahdet it-talba ghar-revoka tal-mandat. Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Ikkunsidrat;

"Illi permezz tar-rikors odjern, il-konvenut qed jitlob ir-revoka tad-digriet moghti minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-3 ta' Lulju 2009, li permezz tieghu huwa kien gie ordnat li jallontana ruhu mid-dar konjugali pendenti l-proceduri ta' separazzjoni, stante:

"[1] li dan huwa null peress li sar in vjolazzjoni tad-dispozizzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap.16; li u ghalhekk, kull att relattiv u sussegwenti, inkluzi l-mandat ta' zgumbrament huwa null;

“[2] li l-esekuzzjoni tal-mandat hija nulla peress li skond hu “id-dokument ta’ l-esekuzzjoni lanqas biss kien fih data u [ghalhekk] kien null u nvalidu skond il-ligi.”

“[3] li l-artikolu 384 tal-Kap.12 ma jsemmix is-sid.

“Illi l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

“[1] Illi d-digriet fuq indikat ma nghatax bis-sahha ta’ l-artikolu 37 tal-Kap.16, izda nghata in forza ta’ l-artikolu 46 ta’ l-istess Kap., stante li nghata fil-mori tal-kawza tas-separazzjoni, u wara rikorsi prezentati mill-partijiet, fejn talbu l-applikazzjoni tal-mizura kontemplata fl-ahhar artikolu.

“Illi, qabel xejn jigi osservat, li fil-kazijiet fejn jigi applikat l-artikolu, ma hemm xejn fil-ligi li jezigi ‘*ad validitatem*’ li dan id-digriet jinghata fl-udjenza, u ghalhekk jista’ jinghata’ kameralment.

“Illi fil-kaz in dizamina, kif diga’ gie rilevat f’ digriet precedenti moghti minn din il-qorti kif presjeduta, il-Qorti, diversament presjeduta, kienet semghet il-partijiet jixhdu viva voce quddiemha, fuq it-talba ghall-applikazzjoni ta’ l-artikolu 46, u ghalhekk meta’ nghata d-digriet tat-3 ta’ Lulju 2009, iz-zewg partijiet kellhom l-opportunita’ li jixdu quddiem il-Qorti, kif fil-fatt ghamlu, u l-istess Qorti kellha l-beneficju tas-smigh dirett tal-partijiet; u ghalhekk, ma jistax jinghad li gie vjolat id-dritt fundamentali ta’ smigh xieraq ta’ xi parti jew li l-Qorti ma kienitx fil-pozizzjoni li tati d-digriet in ezami.

“Illi, inoltre, anke jekk id-digriet inghata in kamera, il-konvenut dejjem kellu r-rimedju kontemplat fl-artikolu 229 [10] tal-Kap.12.

“[2] Illi d-digrieti li jinghataw in bazi ghall-artikolu 46, bhala dak in dizamina, fejn konjugi jigi ordnat li *pendente lite* jallontana ruhu mid-dar konjugali, jinghataw f’ cirkostanzi fejn, anke f’ dak l-istadju tal-kawza, ikun jidher car li l-konvivenza bejn il-partijiet ma tkunx tistax tibqa’ ssehh minghajr perikolu jew dannu lill-parti l-ohra, u ghalhekk, fl-

ezistenza ta’ cirkostanzi gravi u estremi, il-Qorti tapplika dan l-artikolu bhala mezz preventiv ta’ incidenti bejn il-konjugi, li jistghu jikunu serji u gravi.

“Ghalhekk huwa kontra l-ispirtu u l-iskop ta’ din id-dispozizzjoni tal-ligi li min ikun gie ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali jithalla jitnikker u jipprovi jevita l-ezekuzzjoni, necessarja, tad-digriet li jkun inghata.

“Ferm il-premess, tenut kont tan-natura provvizorja tal-mizura, u wkoll tenut kont ta’ l-ezigenza ta’ l-istess mizura, din il-Qorti m’ ghandhiex tissospendi l-effetti tal-mandat, jew tirrevokahom, ghas semplici fatt li hemm kawza kostituzzjoni pendenti.  Wara kollox, il-mizura ordnata mill-Qorti hija wahda provvizorja, u ma tirradikax xi dritt defenittiv favur il-parti l-ohra.

“[3] Konformament mal-premess, huwa ghalhekk irrelevanti l-fatt li l-d-dar konjugali tkun proprjeta’ parafernali tal-parti, ghax l-artikolu precitat jitkellem dwar “id-dar taz-zwieg”; u ladarba l-parti, proprjetarja unika tal-fond in kwistjoni, kienet accettat li dan il-fond iservi bhala d-dar konjugali tal-partijiet, allura anke huwa jista’ jigi kolpit bil-mizrua kontemplata fl-istess artikolu, fis-sens li jigi ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali.

“[4] Konsidrat il-premess, u fid-dawl tal-fatt li l-ezekuzzjoni ta’ mandat ta’ zgurmbrament essenzjalment jikkolpixxi l-okkupant jew detentur tal-fond, huwa rrelevanti l-fatt li dak l-okkupant jew detentur ikun is-sid tal-post; ghax l-esekuzzjoni ssegwi ordni ta’ zgumbrament li tolqot lil min qieghed fil-fond biex jivvaka l-istess fond.

“[5] Illi rigward is-sottomissjoni tal-konvenut li l-“esekuzzjoni” tal-mandat hija nulla ghax il-kopja moghtija lill-konvenut hija nieqsa mid-data, jigi osservat li l-konvenut ma specifikax il-bazi legali ta’ din is-sottomissjoni;  u ma jirrizultax li din hi bazata fuq xi artikolu specifiku fil-ligi; u dan apparti mill-konsiderazzjoni li fil-fatt il-konvenut kien pienament konsapevoli tad-digriet li minnu harget l-ordni ta’ l-izgumbrament, tant li kien

ipprezenta rikorsi b’ tentattiv li jwaqqaf l-esekuzzjoni tieghu.

“[6] Inoltre, il-fatt li d-digriet tat-3 ta’ Lulju 2009, li in forza tieghu hareg il-mandat ta’ zgumbrament, ma giex revokat, u allura ghadu fis-sehh, il-Marixxall kellu l-obbligu li jghaddi ghall-ezekuzzjoni tieghu fit-termini ta’ l-artikolu 278 tal-Kap.12, u cioe’ li jezegwixxi l-mandat minghajr dewmien.

“In fine jigi rilevat a skans ta’ ekwivoku li, ghalkemm fid-digrieti precedenti gie b’ dizvista ndikat l-artikolu 279 Kap.12, fil-fatt dan kellu jinqara 276 [wara l-emendi tal-XIV.2006], li bhal l-artikolu 279 precedenti jistipula espressament li “Hadd ma jista’ jaghmel oppozizzjoni ghall-ezekuzzjoni ta’ mandat, hlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni.”

“Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talbiet tal-konvenut, bl-ispejjez.

Il-konvenut ressaq appell minn din id-decizjoni ghall-quddiem din il-Qorti, u bis-sahha tieghu, ghar-ragunijiet minnu esposti, qed jitlob bazikament ir-revoka tad-decizjoni tal-ewwel Qorti u l-konsegwenzjali revoka tal-ordni ta’ zgumbrament tieghu;

L-attrici qed topponi t-talbiet kontenuti fir-rikors tal-appell tal-konvenut, u qed isostni l-korrettezza tad-decizjoni li tat l-ewwel Qorti fil-11 ta’ Jannar, 2010;

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti, u semghet ukoll it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-13 ta’ April 2010, u sejra tghaddi ghad-decizjoni taghha;

Il-konvenut ressaq diversi aggravji kontra s-sentenza appellata tal-ewwel Qorti, ghalkemm dawn ma jirrizultawx dejjem cari fid-dawl tar-rikors twil, ripettittivi u hafna drabi konfuzjonarju li l-konvenut ghazel li jressaq ghall-konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti.

Il-konvenut, fl-ewwel lok, jippretendi li l-Qorti ghandha tissospendi l-effetti tal-ordni ta' zgumbrament fid-dawl tar-rikors kostituzzjonali li hu pprezenta. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-posizzjoni guridika f'kaz ta' proceduri kostituzzjonali fil-pendenza ta' kawza ohra hija s-segwenti. Meta parti f'kawza tissoleva kwistjoni ta' indoli kostituzzjonali, hi tista' jew titlob lill-Qorti li qed tisma' l-kaz sabiex tirreferi l-materja lil qorti kompetenti (sakemm il-qorti li quddiemha titqajjem tali talba ma tkunx hi stess il-Prim Awla tal-Qorti Civili, f'liema kaz, jekk tqis il-kwistjoni rilevanti ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza, tiehu l-provvedimenti appoziti biex tisma' u tiddeciedi l-materja hi), jew, jaqbad u jipprezenta rikors quddiem il-qorti kompetenti bl-ilmenti tieghu.

F'kaz tal-ewwel opzjoni, jekk il-Qorti tqis li l-materja sollevata mhux semplicement frivola jew vessatorja <u>u</u> li decizjoni fuq dik il-materja hija essenzjali ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza li ghandha quddiemha u ghall-eventwali decizjoni taghha, dik il-Qorti ghandha taghmel ir-referenza mitluba u tissospendi s-smiegh tal-kawza li jkollha quddiemha.

F'kaz li tara li l-materja mqajma hija sempliciment frivola jew vessatorja <u>jew</u> tara li, f'kull kaz, decizjoni fuq dik il-materja ma tinpingix fuq il-meritu tal-kawza li jkollha quddiemha, allura ghandha tichad it-talba ghar-referenza u tkompli ghaddejja bis-smiegh tal-kaz taghha.

F'kaz li dak li jkun jinqeda bi-tieni opzjoni, u jaqbad u jiftah kawza kostituzzjonali dwar xi aspett tal-kaz tieghu, allura il-Qorti li tkun qed tisma' l-kaz mhix marbuta li tissoprasjedi pendenti l-ezitu ta' dawk il-proceduri kostituzzjonali; il-materja hija mhollija fid-diskrezzjoni taghha, u jekk tara li ghandha tkompli tisma' l-kaz, u anke tiddecidieh, nonostante dawk il-proceduri l-ohra, hekk ghandha taghmel.

F'dan il-kaz, il-konvenut ghazel din it-tieni opzjoni u, ghalhekk, per principju, il-proceduri kostituzzjonali minnu istitwiti m'ghandhomx l-effett li jissospendu l-ezegwibbilita`

tal-ordni li tat il-Qorti, originarjament, fit-3 ta' Lulju, 2009. Din hi kwistjoni mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

F'dan il-kaz, l-ewwel Qorti, wara li qieset il-gravita` tas-sitwazzjoni li kienet ezistenti fid-dar matrimonjali tal-konjugi Coleiro, dehrilha li ma kellhiex tissospendi l-effetti tal-ordni taghha, u anzi dehrilha li kellha tikkonfermah bil-hrug ta' Mandat ta' Zgumbrament. L-ewwel Qorti ma haditx dan l-attegjament b'mod legger, izda wara li semghet lill-partijiet u lit-tobba li ezaminaw lill-attrici wara kull darba li din kienet tallega li kienet tkun vittma ta' aggressjoni minn zewgha, u semghet x'kellhom xi jghidu d-difensuri tal-partijiet. Din il-Qorti wara li ezaminat il-provi li semghet l-ewwel Qorti, ma tarax li l-ewwel Qorti ghamlet uzu hazin mid-diskrezzjoni mholli f'idejha.

Il-konvenut jghid ukoll li d-digriet tat-3 ta' Lulju, 2009, hu null ghax inghata *in camera*, b'mod li hu gie mcahhad mid-dritt tal-appell. Din il-Qorti lanqas ma taqbel ma' din is-sottomissjoni. L-ordni ta' allontanament mid-dar matrimonjali li tat l-ewwel Qorti, huwa ordni provizorju, li jkollu effett biss sakemm ma jigix revokat, anke mill-istess qorti li emanatu, u kwindi jista' jinghata *in camera*. L-Artikolu 46 tal-Kodici Civili jghid li, matul iz-zmien li tkun miexja kawza ta' firda, il-qorti kompetenti tista' taghti ordni dwar min mill-partijiet ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg sakemm tkun miexja dik il-kawza. Din l-ordni mhux sentenza definittiva, izda mezz biex tigi protetta l-inkolumita` ta' xi parti pendenti l-kawza, jew biex jigu mharsa l-interessi ta' xi parti. Apparti l-fatt li, kif inghad, l-istess qorti ghandha l-fakolta` tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha, u apparti l-mezz ta' kontestazzjoni kontemplat fl-Artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (procedura ta' kontestazzjoni li trid issir entro terminu stabbilit li, f'kaz ta' digriet *in camera*, jibda jghodd mid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawza li tigi minnufih wara li jkun inghata d-digriet mill-qorti *in camera*), provvediment bhal dan seta' gie attakkat bil-prezentata ta' kawza ad hoc quddiem il-Qorti kompetenti, mil-liema decizjoni jkun hemm possibilita` ta' appell kif trid il-ligi. Hekk jigri, per ezempju, f'kaz li persuna thossha aggravata b'digriet moghti mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni

Volontarja, li kwazi dejjem jinghataw *in camera*. Kwindi, mhux biss l-ewwel Qorti kienet korretta meta tat id-digriet taghha *in camera*, izda din il-procedura bl-ebda mod ma kienet ta' pregudizzju ghad-dritt tal-istess konvenut li, jekk irid, jikkontesta l-istess digriet.

Il-konvenut isostni wkoll li d-dar in kwistjoni hija parafernali tieghu u ma jistax, allura, jigi ordnat johrog mill-istess. Din il-Qorti wkoll ma taqbilx ma' dan l-argument. L-Artikolu 46 tal-Kodici Civili jaghti poter lill-Qorti tiddeciedi min mill-partijiet, fil-pendenza tal-kawza ta' separazzjoni, ghandu jibqa' joqghod fid-"dar taz-zwieg". Iil-ligi ma tqisx bhala rilevanti jekk id-dar hijiex parafernali ta' xi hadd mill-partijiet jew tal-komunjoni tal-akkwisti, u taghti fakolta` lill-Qorti tordna l-hrug ta' xi parti mid-dar, hi ta min hi, basta li d-dar tkun r-residenza tal-koppja, jigifieri, tkun id-dar matrimonjali. Jekk id-dar tappartjeni lill-konvenut, din tibqa' tieghu, izda l-Qorti tista' tordna li din tibqa' a disposizzjoni ta' parti wahda, jekk hekk jidhrilha li jkun gustifikat. Kwindi, l-fatt li d-dar taz-zwieg hija parafernali ta' parti, ma jimmilitax kontra l-applikazzjoni tal-Artikolu 46 tal-Kodici Civili. L-Artikolu 384 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirreferi ghall-hrug ta' Mandat ta' Zgumbrament, lanqas ma hu ta' ostakolu ghall-ezekuzzjoni tieghu fil-konfront tal-proprjetarju, ghax it-termini tieghu huma wiesgha bizzejjed biex jolqtu kull persuna li tkun in detenzjoni tal-proprjeta` b'mod illegali jew abbuziv.

L-ilment tal-konvenut marbut mal-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament (peress li l-kopja moghtija lilu hi bla data), apparti li jista' jolqot biss l-"esekuzzjoni" tal-mandat, u mhux il-hrug u l-validita` tieghu, huwa wkoll bla bazi, ghax il-ligi ma tirrikjedix *ad validitatem* li l-kopja tal-mandat ikun datat, basta ovvjament li tali nuqqas ma jikkawzax pregudizzju lill-intimat. F'dan il-kaz, kif anke osservat l-ewwel Qorti, dan in-"nuqqas" ma gab ebda pregudizzju lill-konvenut, peress li l-istess konvenut kien ben konsapevoli ta' dak kollu li kien qed isir, inkluz l-ordni tal-hrug tal-mandat, tant li ghamel diversi tentattivi biex jipprova jwaqqaf l-esekuzzjoni tal-istess mandat.

L-ilment tal-konvenut li, fil-meritu, ma kellux jigi zgumbrat, huwa wkoll bla bazi. Fil-process hemm kopji tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda li semghet l-ewwel Qorti qabel ma tat l-ordni impunjat, u din il-Qorti, wara li ezaminat l-istess provi, tifhem il-preokkupazzjoni tal-ewwel Qorti li ma thallix lill-konvenut fid-dar taz-zwieg. L-attrici jidher li kienet qed tkun vittma ta’ vjolenza domestika, u l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma’ direttament zewg tobba li spjegaw is-sinjali ta’ vjolenza li sabu fuq l-attrici. Apparti dan, jidher li l-konvenut kien qed jaghmel l-ghassa fuq l-attrici f’darha stess, jistahbilha u jissemma’ x’kienet qed tghid fuq it-telephone. L-incidenti ta’ vjolenza domestika li tirrakkonta l-attrici ma kienux incidenti izolati, u, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ghamlet sew l-ewwel Qorti li, almenu f’dan l-istadju u *pendente lite*, hasbet biex tisalvagwardja l-inkolumita` tal-istess attrici. Ma saret ebda diskriminazzjoni mal-konvenut, ghax hija l-attrici li, f’dan il-kaz, jirrizulta li hija l-vittma, mhux hu!

Fl-ahhar nett, b’riferenza ghat-talba tal-konvenut sabiex din il-Qorti taghmel referenza lill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja, din il-Qorti tichad l-istess ghax tqisha bla fondament guridiku, peress li l-Unjoni Ewropeja ma tidholx fi kwistjonijiet purament personali bejn cittadini tal-istess stat membru. Dik il-Qorti m’ghandhiex poteri li tiehu konjizzjoni ta’ kwistjonijiet bhal dawn meritu ta’ dawn il-proceduri. Dan l-aggravju, jew ahjar, riljev, hu altament fieragh. It-talbiet l-ohra tal-konvenut marbuta mal-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u biex jigu allegati l-atti relattivi, qed jigu wkoll michuda ghax mhux fondati.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------